**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 29**

**L-ERBGHA 27 TA' NOVEMBRU FIL-5.00PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU – |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| RENE ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier C. Said kienet skuzata minhabba ragunijiet ta' mard u l-Kunsillieri M. Fava u A. Chetcuti kienu skuzati minhabba ragunijiet ta' xoghol.

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

## I APPROVAZZJOI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Nru.28 gew approvati. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

   Il-Kunsillier P. Fenech ippropona li ssir sosspenzjoni tal-laqgha sabiex is-Sindku jintroduci lill-Ambaxxatur taz-zaghzagh ta' l-iskema VOT 16, is-Sur Tyler Cassar. Il-Kunsillier R. Rossignaud ssekonda. Il-hin kien il-5.30pm.

   Wara diskors zghir ta' introduzzjoni, il-laqgha regghet bdiet fil-5.45pm.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Is- Sindku rrefera dwar il-hajt illegali li ttella fi Triq tal-Franciz. Huwa nforma li wara li saret kommunikazzjoni ufficjali mal-MEPA, dawn infurmaw li dwar dan il-kaz diga' harget *enforcement notice* lis-sidien ikkoncernati. Il-Kunsillier M. Abela rrimarkat li din m'ghandhiex tkun ta' problema biex tigi ffurmata t-triq peress li Transport Malta, hija awtorita' u ghaldaqstant ghandha dritt li tnehhi kull ostaklu.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku pprezenta rapport iddetaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti – App. A.

2. Huwa nforma li d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali urew ix-xewqa li jibdew jaghtu xi servizzi fil-lokalita taghna sabiex ir-reseidneti ma jkollhomx ghalfejn jinzlu fl-ufficini ta' tas-Sliema. Rigward din il-possibilta' saret laqgha ma' dawn l-ufficcjali flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv sabiex jigi ddentifikat x' hemm bzonn jsir. Dawn staqsew li ghal dawn ix-xoghlijiet irrid jinxtara *laptop* u *printer*, li jkunu konformi mas-sistema li diga' tintuza mid-Dipartiment ikkoncernat. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill qabel li dawn is-servizzi jibdew jinghataw mil-lokalita' taghna u ghaldaqstant dan jkun inqas inkonvenjent ghall-anzjani li jkollhom il-bzonn ta' dawn is-servizzi. Ghaldaqstant il-Kunsill unanimament qabel li dan l-apparat jinxtara mill-aktar fis.

3. Rigward id-dawl dekorattiv tal-Milied quddiem il-hwienet fi Triq il-Qasam, Triq l-Ibrag, Triq is-Swieqi u Triq l-Uqija ; huwa nforma li ghamel kuntatti mal-hwienet fl-imsemmija toroq u dawn kollha qablu li k se jikontribixxu ghal dawn l-ispejjez. Il-Kunsill ukoll se jikkontribixwi parti.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xoghlijiet fuq l-outdoor gym fi Triq is-Swieqi u fi Triq il-Hemmel bdew u mixjin b'ritmu tajjeb. Il-Kunsillier A. Curmi issugerixxa sabiex jekk hu possibli tigi nstallata *play house* fi Gnien FX Ebejer.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU – ikompli**

5. Il-Kunsill giet nfurmat li peress li hu ma kienx possibli jattendi ghal-laqgha li saret Kastilja dwar ghajnuna lill-anzjani, il-Kunsillier C. Said hadet l-inkarigu li tattendi. Fil-laqgha, gie nfurmat li d-Dipartiment ghall-kura ta' l-anzjani se jibda' joffri iktar *talks* ta' informazzjoni lir-resideti fil-lokalita' taghna sabiex dawn ikunu aktar accesibli u kulhadd jkun jista' jattendi. Is- Sindku nforma wkoll li se ssir laqgha nhar il-Gimgha 29 ta'Novembru 2013 dwar id-drittijiet tal-persuni b' dizabilta' li ghaliha se jattendi l-Vici Sindku.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

<u>Mill- Vici Sindku</u>

1. Huwa ipprezeta rapport idettaljat dwar il-hidma tieghu f' dan l-ahhar xahar. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti – App. B.

Il-Kunsillier R. Rossiganud talab biex jigi skuzat. Il-hin kien 6.45pm.

<u>Mill-Kunsillier A. Curmi</u>

1. Il-Kunsillier pprezenta lista ta' xoghlijiet li ghadhom pendenti. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn ix-xoghlijiet gew inuttati u ghaldaqstant se jibdew ix-xoghlijiet fuqhom. Din il-lista se tkun anessa ma' dawn il-Minuti – App. C.

2. Il-Kunsill gie nfurmat li hu flimkien mal-Kunsillier P. Fenech qeghdin jahdmu sabiex jigu stabbiliti linji ta' gwida u kundizzjonijiet sabiex persuna nnominata tkun tista' tinghata l-premju ta' Gieh is-Swieqi.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li fil-futur qarib se jibdew ix-xoghlijiet sabiex jigu nstallati *traffic calmers* fi Triq il-Madliena u Triq Pedidalwett. Il-Kunsill gie nfurmat li l-Perit u l-Kuntrattur tal-Kunsill diga' marru fuq il-post u ghamlu sinjali ta' fejn dawn il-*calmers* ghandhom issiru. Dawn se jsiru permezz ta' *hot asphalt*.

2. Rigward is-sejha ta' l-offerti ghax-xoghlijiet ta' kostruzzjoni fi Tennis Court, is-Segretarju Ezekuttiv nforma li baghat l-ispecifikazzjonijiet kollha lid-Dipartiment tal-GPP ghall-approvazzjoni taghhom. Il-Vici Sindku talab sabiex qabel ma dawn jigu ppublikati ghandhom jintbaghtu lill-Kunsillieri kollha ghal xi rimarki jew xi tibdil li dawn jissugerixxu. Is- Sindku talab sabiex dawn jigu vverifikati mill-aktar fis halli ma jkunx hemm dewmien bla bzonn fil-pubblikazzjoni ta' din l-oferta.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv ssugerixxa sabiex ssir laqgha fic-Centru Civiku sabiex flimkien niddiskutu kif jista' jigi mqassam u uzat sew dan il-bini l-gdid. Wara diskuzzjoni, il-Kunsillier M. Abela pproponiet li niltaqghu nhar l-Erbgha 4 ta' Dicembru 2013 fl-10am. Kien hemm qbil dwar dan.

## VI APPROVAZZJONI TA PAGAMENTI U XIRI IEHOR

1. Giet pprezentata l-iskeda ta' pagamenti nru.67 li ntbaghtet li kull kunsillier permezz ta' *email* minn qabel. Wara li saru xi aggustamenti skond l-*email* tal-Kunsillier A. Curmi ( App.D) ; kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti biex dawn jigu approvati.

Il-laqgha spiccat fit-7.45pm u sar aggornamet ghal nhar il-Hamis 19 ta' Dicembru 2013 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**